# Il-Widna tal-Magħtab

F'nofs il-pjanura tal-Magħtab hemm dak il-ħajt nofs tond li ġie mibni mill-Ingliżi fi żmien il-kriżi tal-Abbisinja fl-1935.

Dan il-ħajt qed iħares lejn Sqallija u matul l-aħħar Gwerra Dinjija serva biex ġo fih ġie mqiegħed strument li permezz tiegħu jamplifika il-ħoss tal-magni ta' l-ajruplani hekk kif dawn jitilqu minn Comiso lejn Malta. B'hekk kien jista' jingħata l-allarm lill-fortizzi biex jippreparaw għall-attakki ta' l-ajruplani li jkunu ġejjin mgħobbijin bil-bombi biex jattakkaw lill-gżira tagħna.

L-akustika ta' dan il-ħajt tant kienet perfetta tant li kien jissejjaħ bħala "Acoustic Mirrors" u kienu jintużaw bħala Radar fl-ewwel snin tal-gwerra. Meta mbagħad ġie installat ir-Radar, din l-istruttura tal-Widna tal-Magħtab ma baqgħetx tintuża aktar peress illi dan ir-radar kellu amplifikazzjoni aktar moderna u kien aktar effettiv.

Għal xi żmien dan il-ħajt tal-Widna ġie abbandunat iżda llum dan il-post qed jiġi użat bħala stazzjon tar-Radio.

Il-Widna tal-Magħtab għandha l-istorja tagħha u għalhekk għandha tiġi protetta għaliex tifforma parti mill-istorja ta' art twelidna l-aktar bħala monument ta' l-aħħar gwerra dinjija.

*Lino Wettinger*
*17 ta' Mejju 2001*

